MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Numru. 77/2004

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
MATTHEW PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Pace ta’ 35 sena iben Anthony u Mary Aquilina, imwieled Sliema fil-11 ta’ Jannar 1969 u joqghod No 4, Victor Flats, University Street, Msida ID 55969M talli nhar it-28 ta’ Janna 2004 gewwa l-Imsida ghal habta tas-2.30pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Adrian Agius, mobbli jew immobbli, billi ghamel hsara fuq il-vettura ta’ Adrian Agius, Volks Wagen Passat ADR 560, liema hsara ma kienx jiskorri hames mitt lira maltin imma kien izjed minn hamsin lira maltin.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara lil Adrian Agius ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325, 339ee tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------